Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President

17.10.2025

Is-Sur Javier Zarzalejos
President
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (COM(2023)0754 – C9-0431/2023 – 2023/0438(COD))

Sur President,

Bl-ittra tat-12 ta' Settembru 2025, inti bħala l-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ikkonsultajt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), skont l-Artikolu 41(2) tar-Regoli ta' Proċedura, biex jeżamina l-adegwatezza tal-bażi legali għall-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (2023/0438(COD)) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament propost").

Il-kumitat JURI eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2025.

I - Sfond

Il-Kumitat LIBE kien f'negozjati interistituzzjonali dwar ir-Regolament propost.

Ir-Regolament propost inizjalment kien jinkludi, l-ewwel nett, "regolament awtonomu" ġdid biex, fost l-oħrajn, jiġi stabbilit iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul

Klandestin ta' Migranti, u, it-tieni, emendi mmirati għall-mandat eżistenti tal-Europol (ir-Regolament (UE) 2016/794[1], minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Europol"). Ir-Regolament propost kien ibbażat fuq l-Artikoli 85(1), 87(2), 88(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-kumitat LIBE ma emendax il-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.

Fil-mandati rispettivi tagħhom għal negozjati interistituzzjonali kemm il-Parlament kif ukoll il-Kunsill għażlu li jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost għal emendi għall-mandat eżistenti tal-Europol iżda ħallew il-bażi legali kif kienet. Sussegwentement, matul in-negozjati interistituzzjonali, intlaħaq qbil proviżorju biex l-għan u l-kontenut tar-Regolament propost ikunu limitati b'dan il-mod. B'riżultat ta' dan, deher li kien meħtieġ li l-bażi legali tiġi aġġustata u li l-att jiġi bbażat unikament fuq l-Artikolu 88(2) TFUE, jiġifieri li jitħassru l-Artikoli 85(1) u 87(2) TFUE.

Skont l-Artikolu 41(2) tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat LIBE għalhekk jitlob lill-Kumitat JURI jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-adegwatezza tal-bażi legali mibdula b'dan il-mod.

II - L-Artikoli rilevanti tat-Trattat

Il-Kapitolu 4 ("Koperazzjoni Ġudizzjarja f'materji kriminali") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

Artikolu 85
(ex Artikolu 31 TUE)

1. Il-missjoni tal-Eurojust għandha tkun li tappoġġa u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni fir-rigward ta' kriminalità serja li tolqot żewġ Stati Membri jew aktar jew li teħtieġ prosekuzzjoni fuq bażi komuni, abbażi ta' operazzjonijiet immexxija u informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-Europol.
F'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jiddeterminaw l-istruttura, il-funzjonament, il-qasam tal-azzjoni u l-kompiti tal-Eurojust. Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:

(a) il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali kif ukoll proposti għall-bidu ta' prosekuzzjonijiet, immexxija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari dawk relatati ma' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(b) il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet previsti fil-punt (a);

(c) it-tisħiħ tal-koperazzjoni ġudizzjarja, inkluża bir-riżoluzzjoni tal-kunflitti dwar il-ġurisdizzjoni u b'koperazzjoni mill-qrib man-Network Ġudizzjarju Ewropew.

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Dawn ir-regolamenti għandhom jiddeterminaw ukoll l-arranġamenti ta' assoċjazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali fil-valutazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust.

(...)

Il-Kapitolu 5 ("Koperazzjoni tal-pulizija") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

Artikolu 87
(ex Artikolu 30 TUE)

1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi koperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri, inkluża l-pulizija, is-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi speċjalizzati fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu miżuri dwar:

(a) il-ġabra, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti;

(b) l-appoġġ għat-taħriġ tal-persunal, kif ukoll il-koperazzjoni dwar l-iskambju tal-persunal, dwar tagħmir u dwar ir-riċerka fil-kxif tal-kriminalità;

(c) it-tekniċi investigattivi komuni sabiex jinkixfu forom serji ta' kriminalità organizzata.

(...)

Artikolu 88
(ex Artikolu 30 TUE)

1. Il-missjoni tal-Europol għandha tkun li tappoġġja u ssaħħaħ azzjoni ta' l-awtoritajiet tal-pulizija u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri kif ukoll il-koperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tolqot lil żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u l-forom ta' kriminalità li jolqtu interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skond il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jiddeterminaw l-istruttura, il-funzjonament, il-qasam tal-azzjoni u l-kompiti tal-Europol. Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:

(a) il-ġabra, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni mgħoddi partikolarment mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi jew korpi terzi;

(b) il-koordinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' investigazzjonijiet u azzjonijiet operattivi mwettqa flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri

jew fil-qafas ta' gruppi investigattivi konġunti, meta xieraq f'kollaborazzjoni mal-Eurojust.

Dawn ir-regolamenti għandhom jiddeterminaw ukoll il-proċeduri għal kontroll tal-attivitajiet tal-Europol mill-Parlament Ewropew, flimkien mal-Parlamenti nazzjonali.

3. Kwalunkwe azzjoni operattiva mill-Europol għandha titwettaq flimkien u bi ftehim mal-awtoritajiet tal-Istati Membri li t-territorju tagħhom huwa konċernat. L-applikazzjoni ta' miżuri koerċittivi għandha tkun ir-responsabbiltà esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

III – Ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi legali

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment qieset il-kwistjoni tal-bażi legali adegwata bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni[2].

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi legali ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv segwit, iżda trid tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura[3].

Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, dik il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi legali waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew mill-komponent ewlieni jew predominanti[4]. F'każ eċċezzjonali biss, jekk jiġi stabbilit li l-att isegwi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, marbutin b'mod intrinsiku, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet legali korrispondenti[5]. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet legali rispettivi ma jkunux inkompatibbli mad-dritt tal-Parlament Ewropew u ma jdgħajfux[6].

IV – Għan u kontenut tar-Regolament propost

Kif imressaq mill-Kummissjoni, ir-Regolament propost kellu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u r-rwol taċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta'

---

[2] *L-Opinjoni 2/00 ("Protokoll ta' Kartaġena"),* , ECLI:EU:C:2001:664, il-paragrafu 5.
[3] Il-Kawża C-300/89, Il-Kummissjoni *vs* Il-Kunsill ("Diossidu tat-titanju"), ECLI:EU:C:1991:244, il-paragrafu 10.
[4] Ibid. Il-paragrafu 30 u l-Kawża C-137/12, Il-Kummissjoni *vs* Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2013:675, il-paragrafu 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.
[5] Il-Kawża C-300/89, il-paragrafi 13 u 17; il-Kawża C-42/97, Il-Parlament *vs* Il-Kunsill, ECLI:EU:C:1999:81, il-paragrafu 38; *l-Opinjoni 2/00*, il-paragrafu 23; il-Kawża C-94/03, Il-Kummissjoni *vs* Il-Kunsill ("Konvenzjoni ta' Rotterdam"), ECLI:EU:C:2006:2 u l-Kawża C-178/03, Il-Kummissjoni *vs* Il-Parlament u l-Kunsill, ECLI:EU:C:2006:4, il-paragrafi 36 u 43.
[6] Il-Kawża C-300/89, il-paragrafi 17–25; il-Kawża C-268/94 Il-Portugall *vs* Il-Kunsill, ECLI:EU:C:1996:461.

Migranti, kif ukoll li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.

Sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, il-Kummissjoni pproponiet li jiġu stabbiliti regoli ħalli: (a) jiġi stabbilit Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan l-Europol u qafas ta' governanza biex jiġu rregolati u sostnuti l-attivitajiet tiegħu (iċ-"Ċentru"); (b) jittejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, l-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni; (c) jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Europol; (d) l-Europol tiġi pprovduta bl-għodod neċessarji biex issostni u ssaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni tar-reati kriminali li jaqgħu fl-objettivi tal-Europol u fil-ġlieda kontrihom; (e) tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Europol u pajjiżi terzi.

Għal dak il-fini, ir-Regolament propost inizjalment kien magħmul, minn naħa waħda, minn "regolament awtonomu" li jistabbilixxi ċ-Ċentru fi ħdan l-Europol u li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kompożizzjoni u l-kompiti tiegħu, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u servizzi nazzjonali speċjalizzati biex jipprevjenu u jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin. Min-naħa l-oħra, kien fih emendi għar-Regolament Europol.

Matul in-negozjati interistituzzjonali ġie miftiehem, f'konformità mal-mandati rispettivi kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Kunsill, li jitħassru l-partijiet tar-Regolament propost li kienu mmirati biex jinħoloq "regolament awtonomu" u li dan jinbidel purament f'att li jemenda r-Regolament Europol.

Ir-Regolament propost, kif modifikat mill-koleġiżlaturi, għalhekk jikkonċerna esklużivament l-istruttura, l-operat, il-qasam ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol. L-għanijiet ewlenin tar-Regolament propost, kif modifikat u maqbul b'mod proviżorju mill-koleġiżlaturi, issa huma li: jirrinforza l-Europol sabiex jissaħħaħ ir-rispons tal-infurzar tal-liġi għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin, isaħħaħ ir-rwol tal-Europol bħala ċ-ċentru ta' informazzjoni kriminali tal-Unjoni u bħala fornitur ta' servizzi, b'mod partikolari billi jiġi pprovdut network sigur għall-iskambju tad-data, bħall-applikazzjoni ta' network għall-iskambju sikur ta' informazzjoni, jiżgura li l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni mal-Europol u jiċċara li l-objettivi tal-Europol ikopru wkoll b'mod espliċitu l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

V – Analiżi

Minn dan ta' hawn fuq u mill-eżami tal-premessi u tad-dispożizzjonijiet fil-parti operattiva tar-Regolament propost, kif maqbul proviżorjament mill-koleġiżlaturi, jirriżulta li dan tnaqqas biex effettivament jinkludi biss emendi għar-Regolament Europol. L-għan u l-kontenut tiegħu għalhekk issa huma relatati biss mal-istruttura, l-operat, il-qasam ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol.

F'konformità mal-Artikolu 88(2) TFUE, il-Parlament u l-Kunsill jiddeterminaw l-istruttura, l-operat, il-qasam ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol permezz ta' regolamenti adottati f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

F’konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija hawn fuq, il-miżura trid għalhekk tkun ibbażata fuq bażi legali waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew mill-komponent ewlieni tagħha.

VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni

Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta’ Ottubru 2025, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda b’unanimità (b’25 vot favur)[7], li jirrakkomanda lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li l-Artikolu 88(2) TFUE huwa l-unika bażi legali adegwata għar-Regolament propost, kif modifikat u maqbul b’mod proviżorju mill-koleġiżlaturi matul in-negozjati interistituzzjonali.

Dejjem tiegħek,

Ilhan Kyuchyuk

[7] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Ilhan Kyuchyuk (President), Marion Walsmann (Viċi President), Mario Mantovani (Viċi President), Lara Wolters (Viċi President), Maravillas Abadía Jover, Tobiasz Bocheński, Pascal Canfin, José Cepeda, Henrik Dahl, Ton Diepeveen, Sebastian Everding (għal Mario Furore skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta’ Proċedura), Enikő Győri (għal Juan Carlos Girauta Vidal skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta’ Proċedura), Mary Khan, Ana Catarina Mendes (għal Victor Negrescu skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta’ Proċedura), Javier Moreno Sánchez (għal Krzysztof Śmiszek skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta’ Proċedura), Angelika Niebler, Pascale Piera, Kira Marie Peter-Hansen, René Repasi, Tomas Tobé, Axel Voss, Adrián Vázquez Lázara, Jörgen Warborn, Maciej Wąsik (għal Dominik Tarczyński skont l-Artikolu 216(7)), Michał Wawrykiewicz, Dainius Žalimas.